



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14918/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0372(NLE)

PI 159
AGRI 644
COMPET 917
MI 841
IND 485

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 593 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 593 final.

Mehmuż: COM(2022) 593 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2022
COM(2022) 593 final

2022/0372 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Liżbona tal-1958 għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom huwa trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO). Huwa miftuħ għall-partijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali. Il-partijiet kontraenti tiegħu huma obbligati li fit-territorji tagħhom jipproteġu d-Denominazzjonijiet ta' Oriġini ta' prodotti tal-partijiet kontraenti l-oħra rikonoxxuti u protetti bħala tali fil-pajjiż ta' oriġini u reġistrati fil-Bureau Internazzjonali tal-WIPO, sakemm ma jiddikjarawx li huma ma jistgħux jiżguraw il-protezzjoni, fi żmien sena mit-talba għar-reġistrazzjoni.

Il-Ftehim ta' Liżbona ġie rivedut mill-2009 sal-2015. L-għan kien li (i) jitraqqam il-qafas attwali tiegħu; (ii) jinkludi dispożizzjonijiet li jispeċifikaw li s-sistema ta' Liżbona tapplika wkoll għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG); u (iii) jinkludi l-possibbiltà ta' adeżjoni minn organizzazzjonijiet intergovernattivi bħall-UE.

Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa fil-Konferenza Diplomatika tal-WIPO li saret f'Ġinevra mill-11 sal-21 ta' Mejju 2015. Il-Konferenza adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem "l-Att ta' Ġinevra") fl-20 ta' Mejju 2015. Wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Ottubru 2017 fil-kawża C-389/15, din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/416 tal-5 ta' Marzu 2018. Awtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Liżbona rivedut dwar id-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Fis-26 ta' Novembru 2019, l-Unjoni Ewropea aderixxiet mal-Att ta' Ġinevra, adeżjoni li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. L-att ta' Ġinevra nnifsu daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020.

Xi dispożizzjonijiet ewlenin dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754. B'mod partikolari, l-Artikolu 4(1) jiddikjara li l-Kummissjoni "għandha tinħatar bħala l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għall-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tal-WIPO skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona."

Fit-13 ta' April 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2007/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 (COM(2022) 174 finali – minn hawn 'il quddiem imsejħa l-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IG għall-prodotti artiġjanali u industrijali).

L-Artikolu 59 tal-proposta għal Regolament tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali għandu l-għan li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754. L-emenda għandha l-għan li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Proprietà Intellettwali (EUIPO) bħala l-Awtorità Kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona tad-WIPO fir-rigward tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali. Dan ma għandu l-ebda effett fuq il-fatt li l-Kummissjoni hija l-Awtorità Kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra fir-rigward tal-prodotti agrikoli u tal-ikel protetti mill-iskemi ta' Indikazzjoni Ġeografika tal-UE. Bl-istess mod, l-Artikolu 60 tal-proposta dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali jintroduċi emendi għar-Regolament (UE) 2019/1753 dwar l-ażżjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra. F'dan ir-rigward, u f'konformità mal-emendi proposti fl-Artikolu 59, l-Artikolu 60 jipproponi li jiġi emendat ir-Regolament 2019/1753 sabiex l-EUIPO jiġi rikonossut bħala l-Awtorità Kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet internazzjonali relatati mal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

Madankollu, matul in-negożjati tal-Kunsill, ħareġ tħassib proċedurali dwar l-Artikolu 59 tal-proposta dwar l-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali. L-Artikolu 59 għandu l-għan li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754, li hija bbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għalhekk għandu proċedura ta' adożżjoni differenti stabbilita fit-TFUE minn dik applikabbli għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali abbażi tal-Artikoli 118(1) u 207(2) tat-TFUE. F'dan ir-rigward, jidher aktar xieraq li titwettaq emenda bħal din permezz ta' proposta awtonoma tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1754, minflok ma tiġi inkluża tali modifika bħala Artikolu fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

Din il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill għalhekk għandha l-għan li temenda l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 biex tistabbilixxi l-EUIPO bħala l-awtorità kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

Din il-proposta tissostitwixxi l-Artikolu 59 tal-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

1.2. Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta tistabbilixxi r-rabta bejn is-sistema ta' protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika tal-UE għall-prodotti artiġjanali u industrijali u s-sistema ta' Liżbona għar-reġistrazzjoni internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Tagħmel dan billi tipproponi emenda għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754.

1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Is-sħubija tal-UE fl-Att ta' Ġinevra hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE biex tippromwovi u ttejjeb il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi permezz ta' ftehimiet bilaterali, reġjonali u multilaterali.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi ġuridika

Meta jitqies is-suġġett tat-Trattat, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tkun ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għall-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE.

2.3. Proporzjonalità

Fid-dawl tan-natura esklużiva tal-politika kummerċjali tal-UE, li tinkludi aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettuali, l-Istati Membri tal-UE mhux suppost ikollhom sistemi ta' protezzjoni tal-IĠ tagħhom stess u lanqas ma jistgħu jipproteġu huma nnifishom l-IĠ agrikoli ta' pajjiżi terzi membri tas-sistema ta' Liżbona. Sabiex l-UE teżerċita kif xieraq il-kompetenza esklużiva tagħha għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali fis-sistema ta' Liżbona, jenħtieġ li tistabbilixxi l-EUIPO bħala l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, f'konformità mal-amministrazzjoni fil-livell tal-UE tas-sistema ta' reġistrazzjoni prevista fil-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali. Dan jiżgura koerenza mal-emendi proposti fl-Artikolu 60 tal-proposta dwar għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali għar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ażżjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra. B'mod partikolari, l-Artikolu 60 jipprevedi li l-EUIPO jkun responsabbli mill-amministrazzjoni tal-istadju fil-livell tal-UE tar-reġistrazzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali, u li jaqdi ukoll ir-rwol ta' awtorità kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet internazzjonali biex jiġu protetti l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

2.4. Għażla tal-istrument

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 hija l-istrument legali xieraq, wara li tqies l-Artikolu 28 (Adeżjoni ma' dan l-Att) tal-Att ta' Ġinevra. Meta jitqies is-suġġett tat-Trattat, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tkun ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218(6) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli. Il-valutazzjoni diġà tlestiet bħala parti mill-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali (SWD (2022) 115 final, rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali).

3.2. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati dwar il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali u b'mod partikolari feedback aktar dettaljat li wasal mill-konsultazzjoni pubblika tal-2021 urew li l-aktar għażla ta' politika ppreferuta skont il-biċċa l-kbira tar-rispondenti hija sistema speċifika li tistabbilixxi titolu tal-UE għall-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali. Sistema bħal din għandha diversi karatteristiċi li huma partikolari għall-iskema l-ġdida tal-IĠ tal-UE, meta mqabbla mal-iskemi li jeżistu diġà dwar l-IĠ tal-UE għall-prodotti agrikoli.

3.3. Ġbir u użu tal-għarfien espert

Waqt it-tħejjija tal-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali, il-Kummissjoni qagħdet fuq il-kooperazzjoni teknika mal-EUIPO. Din iffokat fuq diversi mudelli ta' proċess li jippermettu valutazzjoni soda tal-għażliet sekondarji dwar il-korp tal-UE inkarigat mir-reġistrazzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali u mill-ipproċessar ta' applikazzjonijiet internazzjonali skont l-Att ta' Ġinevra, kif ukoll ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali fil-proċedura ta' reġistrazzjoni. L-eżitu ta' kooperazzjoni bħal din, ibbażat fuq il-kontribut tal-EUIPO, jinsab fl-Anness 9 tal-valutazzjoni tal-impatt relatata mal-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali (SWD (2022) 115 final, rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali).

3.4. Valutazzjoni tal-impatt

Ara SWD (2022) 115 final, ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali li jakkumpanja d-dokument tal-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

3.5. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Mhux applikabbli.

3.6. Drittijiet fundamentali

Is-sħubija tal-UE mal-Att ta' Ġinevra tikkontribwixxi għall-issodisfar tal-Artikolu 17(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi li l-proprjetà intellettuali għandha tkun protetta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Mhux applikabbli.

5.2. Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

Mhux applikabbli.

5.3. Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Novembru 2019, l-Unjoni Ewropea aderixxiet mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi¹ (l-Att ta' Ġinevra), u l-adeżjoni tiegħu daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. L-att ta' Ġinevra nnifsu daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754², il-Kummissjoni għandha tkun l-Awtorità Kompetenti msemija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għall-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tal-Proprietà Intellettwali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali skont l-Att ta' Ġinevra kif ukoll ir-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona.
- (3) Filwaqt li titqies l-amministrazzjoni fil-livell tal-Unjoni tar-reġistrazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali prevista fir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali, u f'konformità mal-emendi introdotti minn dak ir-Regolament għar-Regolament (UE)

¹ L-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10. 2019, p. 15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12).

2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali Ewropew jenħtieġ li jaqdi r-rwol tal-Awtorità Kompetenti tal-Unjoni fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont l-Att ta' Ġinevra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jipproteġu l-prodotti artiġjanali u industrijali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, l-Uffiċċju Ewropew tal-Proprietà Intellettwali għandu jinħatar bħala l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, u jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għan-notifiki u l-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tad-WIPO skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tar-Regolament 2022/... f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

...

Il-President

³ Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali (ĠU...)